MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## SAVIOUR DEMICOLI

Seduta tal-25 ta' April, 2005

Numru 844/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Marthese Micallef)**

**vs**

**Giuseppe Muscat**

**Illum 25 ta' April, 2005**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Giuseppe Muscat ta' 81 yrs, iben Carlo u Anna nee` Formosa, imwieled Rabat fit-18 ta' Novembru 1922, residenti Joe Rose B, Triq Francesco Azzopardi, Rabat u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 670522M gie akkuzat talli fis-16 ta' Ottubru 2003 u fis-snin ta' qabel, fil-fond Joe Rose B, Triq Francesco Azzopardi (Tal-Virtui), Rabat, bhala

detentur tal-imsemmi fond jew bhala persuna li ghandha f'idha l-imsemmi fond, b'diversi atti maghmula fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. ikkommetta serq ta' kurrent tal-elettriku li jammonta ghal izjed minn Lm50 u anqas minn Lm1000 ghad-dannu tal-korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, hin u valur.

2. ghamel hsara jew kisser parti minn meter tal-elettriku jew is-sigilli tieghu jew xi parti minn xi apparat jew is-sigilli taghhom jew gumni wzati fil-provista tal-eletriku jew is-sigilli taghhom.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tikkundanna l-hati ghall hlas, lir-registratur, ta' l-ispejjez kollha jew ta' parti mill-ispejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti hew periti fil-proceduri, f'dak iz-zmien u f'dak l-ammont bhal ma jkun gir stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok. MM 3 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta ta' llum l-imputat ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 18, 261(b), (c) u (f), 263(a), 267, 270, 278(3), 280(2) u 326(1) (c) u (f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Giuseppe Muscat, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-fedina penali tal-imputat, tillibera lill-istess imputat taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum.

Rigward it-talba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna l-hati ghall hlas, lir-registratur, ta' l-ispejjez kollha jew ta' parti mill-ispejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri, f'dak iz-zmien u f'dak l-ammont bhal ma jkun gie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni, peress li l-Qorti rat li ma jirrizultax li gew inkorsi spejjez a tenur ta' l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta f'din il-kawza, tichad it-talba.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Giuseppe Muscat l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------